MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru 27/2011

**Att ta' Akkuża numru 27/2011**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Christian Grech**

**Illum 10 ta' Ottubru, 2010,**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 27 tas-sena 2011 kontra l-akkuzat Christian Grech li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-ewwel kap tal-att tal-Akkuza:

Fl-20 ta' Dicembru 2007, ghall-habta ta' l-erbgha ta' fil-ghaxija, l-akkuzat Christian Grech kien qieghed wieqaf go triq Gulju San Pawl il-Bahar jistenna persuna ta'

karnagjon skura b'vettura tal-kiri bin-numru tar-registrazzjoni JAK 787. Fil-fatt wara xi ftit minuti tfacca Ibrahim Koruma, persuna ta Nazzjonalita' Liberjana. Din il-persuna giet osservata tidhol go din l-istess vettura. Il-pulizija intervjeniet u sar l-arrest kemm ta' l-akkuzat Christian Grech kif ukoll ta' Ibrahim Koroma.

Illi l-pulizija ghamlet tfittxija fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAK 787 li kien qed isuq l-akkuzat Christian Grech u go din il-vettura sabet numru ta' telefons cellulari kif ukoll basket tal-karti kontenenti somma flus ta' mhux aktar minn tlett elef hames mija u tlett liri antiki (LM3503). Fuq il-persuna ta' Ibrahim Koroma instabu zewg pakketti kontenenti mitejn (200) gramma trab abjad suspettata droga kokajina. Saret tfittxija ulterjuri fl-appartament ta' Ibrahim Koroma u f'dan l-appartament instabet aktar sustanza suspettata droga. Fil-fatt instabet hames mija u sebghin (570) gramma sustanza kannella suspetta Erojina u mitejn (200) gramma ohra sustanza bajda suspetta Kokajina.

Illi dawn is-sustanzi gew annalizzati minn espert imqabbad mill-Qorti u ikkonferma s-suspetti tal-pulizija. It-trab abjad kien droga Kokaijna ta' piz net ta' 401.424 grammi ta' cirka 51.7% purita. It-trab kannella kien droga Herojina ta' piz net ta' 570.269 grammi b'purita medja ta' cirka 41.2%.

Illi Ibrahim Koroma immedjatament stqarr mal-pulizija li kien qed jittraffika d-droga hawn Malta u li kien qieghed dak il-hin ibiegh mitejn gramma Kokajina lill-akkuzat Christian Grech.

Illi fil-fatt Christian Grech kien qieghed jixtri d-droga Kokajina minn ghand Ibrahim Koroma fuq bazi regolari sabiex Christian Grech jerga' ibiegh din l-istess droga.

Illi sabiex jaghmel dan l-akkuzat Christian Grech assocja ruhu ma Ibrahim Koroma u flimkien ikkumbinaw l-mezzi taghhom sabiex Christian Grech ikun jista' jixtri ammonti konsiderevoli ta' droga Kokajina.

Illi gie miftiehem bejniethom li Ibrahim Koroma kellu jipprovdi d-droga minghand terza persuna liema droga kellu jghaddiha lill-akkuzat Christian Grech. Fthemu li l-akkuzat Christian Grech kellu ihallas Lm 2 000 ghall kull mitt (100) gramma Kokajina jekk hemm bzonn anke mhux dakinhar stess tal-konsenja tad-droga. Gie miftiehem ukoll li l-akkuzat Christian Grech icempel lil Ibrahim Koromo sabiex jindikalu l-hin u l-post minn fejn se jigbor id-droga Kokajina.

Illi wara dan il-ftehiem Ibrahim Koroma issupplixxa f'hames okkazjonijiet differenti diversi ammonti ta' droga Kokajina lill-akkuzat. Fil-fatt Ibrahim Koroma stqarr mal-pulizija li f'kull okkazzjoni l-akkuzat Christian Grech kien jixtri bejn mija u mitejn gramma Kokajina.

Illi l-akkuzat Christian Grech wera ukoll ix-xewqa li jibda jittraffika d-droga Herojina pero minhabba raguni ta' prezz ma irnexxielux jilhaq ftehim ma l-istess Ibrahim Koromo.

Fortunatament il-Pulizija rnexxielha tisfratta dawn il-konsenji tad-droga Kokajina meta l-akkuzat Christian Grech u Ibrahom Koroma gew arrestati fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2007 fil-karrozza mikrija minn l-akkuzat stess Christian Grech fit-triq Gulju San Pawl il-Bahar.

Illi d-droga Kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Christian Grech sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromowova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq msemmi jakkuza lill-imsemmi Christian Grech hati talli fl-20 ta' Dicembru 2007 u fl-erba xhur ta' qabel din id-data assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer

(Kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatjin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-tieni kap tal-att tal-Akkuza:
Illi fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza u cioe' fl-20 ta' Dicembru 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data l-akkuzat Christian Grech kien f'diversi drabi fil-pussess tad-droga Kokajina. Fil-fatt, l-akkuzat Christian Grech kien xtara minn l-inqas hames darbiet id-droga Kokajina minn ghand Ibrahim Koroma. L-ammonti ta' din id-droga kienu ivvarjaw bejn mitt (100) gramma u mitejn (gramma) kull darba li kien jixtri. Ta din id-droga Kokajina l-akkuzat Christian Grech kien ihallas l-ammont ta' elfejn (2000) lira flus antiki Maltin.

Illi l-ahhar darba li l-akkuzat Christian Grech kien xtara d-droga Kokajina kien fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2007 meta gie arrestat flimkien ma Ibrahim Koroma fil- karrozza bin-numru tar-registrazzjoni JAK 787 misjuqa minnu stess. Dak il-hin Ibrahim Koroma kien qieghed jikkonsenjalu il-mitejn (200) gramma Kokajina li kien xtara minn ghandu. Fortunatament kien hemm l-intervent tal-Pulizija.

Illi din is-sustanza Kokajina giet annalizzata minn espert imqabbad mill-Qorti u gie stabblit li l-purita' taghha kien ta' cirka 51.7% purita.

Illi dawn l-ammonti konsiderevoli tad-droga Kokajina li l-akkuzat Christian Grech kien jixtri minghand Ibrahim Koroma kien jixtrihom f'cirkustanzi li juru li ma kinux ghall-uzu personali tieghu.

Illi d-droga Kokajina hija droga specifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi akkuzat Christian Grech ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Christian Grech sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Christian Grech talli fl-20 ta'

Dicembru 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija u disgha u sittin ewro u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Christian Grech, tat-12 ta' Settembru, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Christian Grech ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal perjodu ta' tmien sini (8) flimkien ma multa ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u s-sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

(Kap. 101) inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, kif stipulat fir-rikors konguntiv, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Christian Grech ħati talli :

1. Fl-20 ta’ Dicembru 2007 u fl-erba xhur ta’ qabel din id-data assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’dawn il-Gzejjer (Kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;
2. Fl-20 ta’ Dicembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b’dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ikkunsidrat,

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta’ barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**” [24.2.1997] (Qorti Kriminali); “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002] (Qorti ta’ l-

Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B) (2)(a)(i)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a), 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati**, Christian Grech** ghall-piena komplessiva ta' **tmien (8) snin prigunerija** flimkien ma multa ta' **tlieta w ghoxrin elf Euro (€ 23,000)**, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elfejn, mija u erbgha u hamsin Euro u tnejn u disghin centezmu **(€2,154.92),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w

jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------